Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAL-ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 24 ta' Marzu 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR – RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE – HMF |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – A.Zammit |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

Kulhadd kien present ghall-bidu tal-laqgha.

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Approvati wara li s-Sur Zammit irrimarka li f'Affarijiet Ohra meta semma Victor Vassallo hu semma l-bankina kollha u mhux parti biss minn fejn Triq id-Dorga biss.

## 2. PUNTI MQAJJMA

Nil

Is-Sindku talab sospensjoni tal-Agenda sabiex jitkellem is-Sur Roderick Peresso. Is-Sur Peresso tkellem mal-Kunsill fuq progett ta' Tree Lined Trees, toroq fejn facilment jistghu jithawwlu sigar fil-bankini. Toroq fejn jista' jsir tali zriegh jistghu ikunu Triq il-Mosta, M4 Supermarket, Triq Santa Katerina, Triq Victor Vassallo. Is-Sur RB qal li l-Kunsill kien diga' nieda dal-progett peress tal-applikazzjoni tal-European Mobility Week fejn il-Kunsill ippropona progett ta' konok fit-toroq. Is-Sur Sc u MS qalu li l-Kunsill jista jibda jahseb ghalihom bil-mod u jrid isir hsieb sabiex jekk isiru fil-bankini, ma jinqalghux problemi bis-servizzi.

**DECIZJONI MEHUDA**: L-Kunsill jimpenja ruhhu li jkompli jzid tahwil ta' sigar fuq li hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

- Talba sabiex jigi mgholli l-hajt fi Gnien il-Kunsill. Din it-talba giet milqugha u ghandha tingieb kwotazzjoni.
- Skema ta' shubija mal-Ansek. Din it-talba giet milqugha.
- E-mail minn resident fi Triq id-Dawwara rigward l-istat tat-triq. Din it-talba ha tinzamm ghal meta l-Kunsill ikollu fondi bizzejjed biex jaghmel tali xogholijiet.
- E-mail rigward talba ghal rimbors ta' spejjez. Il-Kunsill ha jiehu l-parir tal-Avukat.
- Diversi talbiet rigward incident li sehh fi Triq Santa Katerina fejn fost l-ohrajn qed jigi mitlub li t-triq issir one-way, li titwessa l-bankina jew issir bankina faccata jew isiru set ta' traffic lights. Il-Kunsill ha jiehu l-parir ta' Perit.
- Talba sabiex triq partikulari tissemma Triq Patri Dwardu Fenech. Sar suggeriment mis-Sur Roderick Bovingdon sabiex it-triq il-gdida quddiem 'The Peak' tissemma hekk.

**4. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI FRAR**

Approvati.

**5. RAPPORT AWDITJAR**

**Tenders Gonna Knis**

Waqt l-odittjar irrizulta li ghakemm skond it-tender li kienet inghatat lil Charles and Joseph Gauci ir-rati li l-Kunsill kien qieghed ihallas ghas-servizz ta`manutenzjoni ta' Gonna, Parki u Soft areas u knis kellhom suppost jonqsu minn tender ghal ohra, bi zvista baqghet tigi applikata r-rata li tat-tender ta' qabel li kienet oghla. Dan irrizulta fi hlas zejjed lil kumpanija Charles and Joseph Gauci ta` €2448 u €833 li is-sinjuri qedghin jobbilgaw ruhhom li jhallsu lura bi zmien sena.

**Tender Gbir ta' Skart**

Waqt l-odittjar irrizulta li fl-ahhar tender li inghatat lil kumpanija Veladrians, kien hemm tibdil fir-rati ta` hlas ghas-servizz ta`skart, ta' kull sena minn Sena 1 sa Sena 4 liema rati keinu ghola wahda minn ohra. Bi zvista, ir-rati applikabli li l-Kunsill kien qieghed ihallas ghal dan is-serviss baqa' dak ta' Sena 1 jigifieri rati anqas minn dawk stabbiliti fl-istess tender. Is-somma li l-Kunsill irid ihallas lura lil kumpanija Veladrians tammonta ghal €22189. Billi il-kuntrattur qatt ma gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar din id-diskrepanza, gie maqbul bejn il-Kunsill u is-sinjuri Veladrians li dan il-hlas dovut jithallas fi zmien 3 snin bis-somma ta` €7396.33 kull sena, minghajr l-ebda interessi.

**6. TISLIJIET U AWGURI GHALL-ELEZZJONIJIET TAL-KUNSILLI LOKALI 2015**

Inghataw l-Awguri ghall-Elezzjonijiet tal-11 t'April lil kulhadd. F'dan il-mument ukoll is-Sindku ha l-okkazzjoni sabiex jipprezenta rigal lis-Sinjorina Katya Cassola li rrizenjat mill-Kunsill bhalha apprezzament tas-snin twal ta' xoghol fil-Kunsill.

**7. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur GB ressaq dawn il-punti:

- Li tissemma triq ghall-Karmenu Dingli ex-Kunsillier li se jaghlaq 5 snin mejjet u li fl-2017 isir l-istess ghall-Norbert Pace.
- Li jibqa' jsir iccekkjar sabiex jinxteghlu l-lights ta' Triq l-Imdina.

Is-Sur RB ressaq dawn il-punti:

- Li l-Kunsill jibqa' jahdem fuq il-Gemellagg u fuq ir-restawr tal-embankment flimkien mal-bini tal-kmamar u l-pont fi Triq B'Kara.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Fakkar il-progett ta' restawr bhas-Sur RB u biex nibqghu bis-sistema li ma nbixxux.
- Li l-bring-in–Site ta' Triq il-Mosta trid il-maintenance flimkien mat-tabella wkoll.
- Li l-latrini regghu kienu miftuhin bejn nofilejl u s-siegha ta' filghodu nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu w'ghaldaqstant ghandha tinhareg default notice.

Is-Sur RA ressaq dawn il-punti:

- Talab biex jintbaghtu acknowledgements. Is-SE qalet li dan ga jsir permezz ta' sistema awtomatika tal-e-mail.
- Li jsir s-sinjali ta' parkeggi fi Triq il-Ferrovija. Is-Sur SC qal li ga kien hemm talba imma kien hemm hafna riperkussjonijiet.

Is-Sur J. P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq ix-xoghlijiet ta' Triq Lorenza Manche'

- Li jitrangaw xi hofor li hemm Triq il-Hemsija. Is-SE qalet li din it-triq ma tiffurmax parti mir-responsabbiltajiet tal-Kunsill
- Jistax isir xi haga fuq il-qtates fi Triq Emvin Cremona.
- Fuq il-Pelican Lights ta' hdejn Cortis biex isir rapport.

Is-Sur MS ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fil-bay li taghti right of crossing min jirfes fuq fi Triq in-Nutar Zarb.

Is-Sur HMF ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq l-ispeed camera ta' Triq Victor Vassallo kif ukoll rigward l-arblu tad-dawl fi Triq in-Nutar Zarb
- Biex isir anti-skid fi Triq in-Nutar Zarb.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Li jkompli jsir progress fuq dak li semma qabel fir-rigward ta' Triq Victor Vassallo
- Li nfakkru l-Enemalta fuq il-kaxxa tad-dawl fi Triq is-Sienja ma' Triq il-Faqqiegh

**12. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata għall-27 ta' April 2015 fil-5.15pm

________________________ Sindku

____________________ Data